## Attivitajiet għax-xahar ta' Mejju

- Mit-30 ta' April sal-5 ta' Mejju hija ġimgħa tal-ftuħ uffiċjali tal-iskola.
- Fit-8 ta' Mejju l-istudenti tat-tielet sena flimkien mal-klassi 2.3 ser iżuru d-Drama Unit, fejn ser jaraw play bl-isem ta' 'Internet Chat Room'. Ser jiġu akkumpanjati mill-għalliema Ms. L. Turner.
- Il-Ħamis, 11 ta' Mejju, il-klassijiet 1.2 u 1.5 ser imorru jagħmlu 'fieldwork' mal-għalliema Ms. C. Elshout, Ms. L. T. Cassar u Ms. L. Turner. Ser iżuru 'Domus Romana' u 'Gaya Foundation'.
- Il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju il-klassijiet 1.1, 1.3, 1.4, 1.8 u 1.9 ser joħorġu mal-għalliema tal-Malti. Ser imorru jaraw il-produzzjoni tal-għasel u jagħmlu żjara fil-'Limestone Heritage'.
- Il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju ser tiġi mtella' fiera minn SCOOPS il-Belt Valletta. Se jkunu preżenti Ms. C. Elshout flimkien ma' xi studenti.
- It-Tlieta, 16 ta' Mejju, l-istudenti tat-tielet sena ser imorru jaraw il-fortifikazzjoniet ta' żmien il-kavallieri flimkien mal-għalliema Ms. C. Elshout u Ms. L. T. Cassar, bħala parti mill-mawriet ta' Din l-Art Ħelwa.
- Il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju ser issir ħarġa oħra tal-folklor Malti mal-klassijiet 1.2, 1.5, 1.6 u 1.7. Ser iżuru il-'Limestone Heritage' u x-xelters tal-Birgu.
- Il-Ħamis, 25 ta' Mejju ser issir 'Sports Fest' għall-iskola kollha.
- It-Tlieta, 30 ta' Mejju grupp ta' studenti ser imorru mal-għalliema Ms. D. Azzopardi Farrugia għall-'Fun Day' fl-iskola Helen Keller.

## Avviżi

- Nixtiequ ninfurmawkom li fuq il-websajt tal-iskola issibu links għall-'past papers' tal-eżamijiet annwali.
- Hemm il-ħsieb li tibda tintbagħat e-mail darba fix-xahar lill-istudenti u lill-ġenituri biex ikunu jafu x'hemm ġdid fuq il-websajt. Din ser tibda tissejjaħ 'Website Newsletter'.


# Kuntatt

ma' l-iskola t'ibnek — MEJJU, 2006


## KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

## Iż-żmien ma jistenna lil ħadd!

Qisu lbieraħ meta l-iskola fetħet il-bibien tagħha sabiex tilqà l-ewwel grupp ta' studenti. Matul dawn l-ewwel xhur, l-għan tal-amministrazzjoni u tal-għalliema kien li, flimkien mal-istudenti u l-ġenituri tagħhom, tingħata identità lill-iskola. Huwa ta' sodisfazzjon li wieħed jinnota li dan il-għan intlaħaq bil-ko-operazzjoni u bl-impenn ta' kulħadd.
Imma issa jeħtieġ li dak li nbena b' tant sagrifiċċju, jissaħħaħ u jitjieb.
Ix-xahar ta' Mejju ser jibqà mnaqqax fl-istorja tal-iskola peress li ser isir il-ftuħ uffiċjali mill-awtoritajiet tal-pajjiż. Ma' dan il-ftuħ uffiċjali hemm marbutin għadd ta' attivitajiet u dettalji dwarhom issibuhom f'din in-'newsletter'.
Ta' min jinnota ukoll li t-tielet term tal-iskola huwa wieħed qasir u l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena huma fil-qrib. Għal dan il-għan inħeġġu lill-istudenti sabiex jibdew jippreparaw bis-sħiħ għall-eżamijiet li ser jibdew fit-13 ta' Ġunju 2006.
Għalhekk filwaqt li nifirħu bil-ftuħ uffiċjali tal-iskola, jeħtieġ li nżommu saqajna mal-art u nibqgħu kkonċentrati fuq ix-xogħol li għad irid isir. U l-ġenituri għandhom rwol importanti ħafna għaliex għandhom ikunu ta' gwida għal uliedhom fil-preparazzjoni għall-eżamijiet annwali.


Tel: 21642427/21642430/21642451
Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleġġsanbenedittubco

## PROGRAMM DETTALJAT TA' L-ATTIVITAJIET TAL-FTUĦ TA' L-ISKOLA

**It-Tlieta, 2 ta' Mejju 2006:** Ġurnata miftuħa għall-istudenti tal-ħames sena tal-primarja li jagħmlu parti mill-Kulleġġ San Benedittu.

Kull siegħa gruppi ta' studenti differenti ser jiġu mdawra ma' l-iskola. Wara li l-gruppi jkunu lestew il-mawra tagħhom madwar l-iskola u l-attività fil-librerija, ser jinġabru fil-'Multipurpose Room' u jaraw il-produzzjoni 'Peter Pan'. Fi tmien din l-attività, l-istudenti se jkunu mistiedna jibagħtu tpinġija jew kitba qasira dwar il-mawra tagħhom fl-iskola jew inkella dwar l-iskola nnifisha.

**Il-Ħamis, 4 ta' Mejju 2006**: Ftuħ uffiċjali. Ġurnata storika għall-iskola. Hija l-ġurnata tal-ftuħ uffiċjali. Se jittella programm vast bil-parteċipazzjoni ta' l-istudenti fil-preżenza l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż. Fiċ-ċerimonja tal-ftuħ ser isir tqassim ta' ċertifikati lil kull studenti mill-Onor. Ministru Louis Galea. Ser tittella l-produzzjoni "Ħrafa Moderna" mid-drama group ta' l-iskola. L-iskola se tinfetaħ uffiċjalment mill-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi b'diskors u kxif ta' lapida, filwaqt li l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jbierek l-iskola.

Jidher ċar li l-Ħamis, 4 ta' Mejju 2006 se tkun ġurnata li se tagħmel unur lil dawk kollha li ħadmu u qed jaħdmu sabiex jistabilixxu lill-Kulleġġ San Benedittu bħala monument ħaj li jagħmel ġieħ lill-edukazzjoni f'pajjiżna.

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2006:** Ġurnata miftuħa għall-ġenituri u ħbieb.

- Filgħodu ser ikun hawn mawriet madwar l-iskola.
- Il-ġenituri huma mistiedna jattendu għal xi lezzjonijiet.
- Wara nofs-inhar ser ikun hawn logħob u attivitajiet oħra.

Bejn id-9.00 a.m. u 12.00 p.m. se jsiru diversi mawriet madwar l-iskola. Dawn il-mawriet se jiġu organiżżati minn xi għalliema flimkien ma' grupp ta' studenti.

Il-ġenituri ta' l-istudenti li jiffurmaw parti minn dawn il-klassijiet huma mistiedna jattendu għal-lezzjonijiet flimkien ma' binhom kif ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Lezzjoni | It-tieni | It-tieni | It-tieni | It-tielet | It-tielet |
| Suġġett | ICT | Taljan | Reliġjon | Ingliż | Storja |
| Għalliem/a | Mr. Galea | Mr. Zammit | Mr. Mercieca | Ms. Bugeja | Ms. Elshout |
| Klassi/Grupp | 1.4 | 1.1.2 | 1.3.8.9 | 3.1 | 2.2 |
| Lezzjoni | Ir-raba' | Ir-raba' | Il-ħames | Il-ħames | Il-ħames u s-sitt |
| Suġġett | Ingliż | Franċiż | Matematika | Xjenza | PSD |
| Għalliem/a | Ms. Bugeja | Ms. Sammut | Ms. Mamo | Mr. Micallef | Ms. Baldacchino<br>Ms. A. Farrugia |
| Klassi/Grupp | 1.5.6 | 1.1.2 | 2.1.2.3 | 1.4 | 1.2.6 |

Matul is-seba' u t-tmien lezzjonijiet, se jsiru logħob tal-futbol (5a-side), taċ-ċess, tat-'table tennis' u anke tal-boċċi. Dettalji jkunu mħabbra fuq in-'Notice Board' ta' l-iskola.

**Il-Ħadd, 7 ta' Mejju, 2006:** Ġurnata miftuħa għall-pubbliku. Ser ikun hawn varjetà ta' attivitajiet, fosthom quddiesa fid-9.30am, flimkien ma' attivitajiet oħra bħal esebizzjoni ta' karozzi antiki, 5 a-side Tournament, mawriet madwar l-iskola, klabb għat-tfal, SCOOPS, 'Multimedia Show', 'Treasure Hunt' u drama. Se jkun hemm għall-bejgħ ikel tajjeb għas-saħħa u te'. Ser ikun hawn esebizzjonijiet ta' rugby, mis-sezzjoni tal-klieb tal-pulizija u mill-Protezzjoni Ċivili. Ser ikun hawn ukoll 'scouts abseiling', kantanti mistiedna, żfin u fiera tal-kotba u pjanti għall-bejgħ bil-għan li jinġabru flus għall-Grupp Żgħażagħ Nazzarenu li jaħdem b'riżq tfal fl-Albanija. Ser tittella 'Fair Traiding Coop Stall'. Ser ikun hemm miftuħin ukoll il-laboratorju tal-Kompjuter, tad-Disinn u Teknoloġija flimkien mal-kamra tal-'Home Economics'. Ser isiru wkoll attivitajiet dwar is-saħħa u s-sigurtà u dwar l-Ekoskola.